Advt No. 139. Sale tale quale of premises No. 42, Cospicua, Triq San Franġisk. This transfer is subject to the rent of Lm

ta' Lm1.00 fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm18,000 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 140. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 21, Blokki 1 - 5, Ħal Kirkop, Triq Karlu Darmanin. Offerti taħt Lm4,400 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 141. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 29, Binja Axtart, Marsaxlokk, Triq Axtart. Offerti taħt Lm5,600 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 142. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 25, Blokk D, l-Imsida, Triq Mons. Ġużeppe Camilleri. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 fis-sena skond il-kundizzjonijiet imnizzlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm8,500 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 143. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 26, Blokki 1 - 4, l-Imqabba, Triq il-Ħarriġiet. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur tal-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm5,200 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 144. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 27, Kat. B, Binja Qlejgħa, l-Imtarfa, Triq ir-Reġimenti Maltin. Offerti taħt Lm3,600 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 145. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 50, Binja Sgħajtar, in-Naxxar, Triq il-Bajtar. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm8,300 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 146. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 38, Blokk 3, Sit B, Pembroke, Triq Pietru Darmenia. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur tal-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm5,500 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 147. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 14, Blokk 7, Sit B, Pembroke, Triq Pietru Darmenia. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur tal-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm4,500 ma jiġux ikkunsidrati.

1.00 per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm18,000 will not be considered.

Advt No. 140. Sale tale quale of premises No. 21, Blocks 1 - 5, Kirkop, Triq Karlu Darmanin. Offers below Lm4,400 will not be considered.

Advt No. 141. Sale tale quale of premises No. 29, Binja Axtart, Marsaxlokk, Axtart Street. Offers below Lm5,600 will not be considered.

Advt No.142. Sale tale quale of premises No. 25 Block D, Msida, Triq Mons. Ġużeppe Camilleri . This transfer is subject to the rent of Lm 1.00 per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm8,500 will not be considered.

Advt No.143. Sale tale quale of premises No. 26, Blocks 1 - 4, Mqabba, Triq il-Ħarriġiet. This transfer is subject to the rent of Lm 1.00 per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm 5,200 will not be considered.

Advt No. 144. Sale tale quale of premises No. 27, Cat B, Binja Qlejgħa, Mtarfa, Triq ir-Reġimenti Maltin. Offers below Lm3,600 will not be considered.

Advt No.145. Sale tale quale of premises No. 50, Binja Sgħajtar, Naxxar, Triq il-Bajtar. This transfer is subject to the rent of Lm 1.00 per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm8,300 will not be considered.

Advt No.146. Sale tale quale of premises No. 38, Block 3, Site B, Pembroke, Triq Pietro Darmenia. This transfer is subject to the rent of Lm 1.00 per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm5,500 will not be considered.

Advt No.147. Sale tale quale of premises No.14, Block 7, Site B, Pembroke, Triq Pietro Darmenia. This transfer is subject to the rent of Lm 1.00 per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm4,500 will not be considered.

Avviż Nru. 148. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 17, Blokki A u B, Tarxien, Triq Il-Madonna tar-Rużarju. Offerti taħt L 7,000 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 149. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 3, Blokk Ċ, Tarxien, Triq Alfier De Medran. Offerti taħt Lm4,800 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 150. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 1 fuq plots 30/31, iż-Żurrieq, Vjal l-Indipendenza. Offerti taħt Lm31,500 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 151. Bejgħ *tale quale* tal-fond bla numru, iż-Żurrieq, Triq Zurki. Offerti taħt Lm23,500 ma jiġux ikkunsidrati.

Il-formoli ta' l-offerti jistgħu jinkisbu mill-Awtorità tad-Djar, 12, Triq Pietro Floriani, il-Furjana, matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju

Id-19 ta' Lulju, 2005

Advt No. 148. Sale tale quale of premises No. 17, Blocks A and B, Tarxien, Triq Il-Madonna tar-Rużarju. Offers below Lm7,000 will not be considered.

Advt No. 149. Sale tale quale of premises No. 3, Block C, Tarxien, Triq Alfier De Medran. Offers below Lm4,800 will not be considered.

Advt No. 150. Sale tale quale of premises no. 1 on plots 30/31, No. 1, Żurrieq, Vjal l-Indipendenza. Offers below Lm 31,500 will not be considered.

Advt No. 151. Sale tale quale of unnumbered premises at Żurrieq, Triq Zurki. Offers below Lm23,500 will not be considered.

Tender forms may be obtained from the Housing Authority, 12, Triq Pietro Floriani, Floriana, during office hours.

19th July, 2005

AWTORITÀ MALTIJA DWAR IT-TRASPORT

Iċ-*Chairman* jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' Lulju, 2005 fil-kaxxa ta' l-offerti fid-Direttorat tat-Toroq, Triq Sa Maison, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 10. Kostruzzjoni ta' parti minn Triq Notabile (Faża D), Birkirkara.

Avviż Nru. 11. Kostruzzjoni ta' triq ġdida fi Triq Dun Karm Frendo, Ħad-Dingli.

Avviż Nru. 12. Kostruzzjoni ta' Triq il-Kavallieri ta' Malta, Marsascala.

Avviż Nru. 13. Xogħlijiet ta' manutenzjoni f'Tal-Qlejgħa, l-Imtarfa.

Avviż Nru. 14. Kostruzzjoni ta' triq ġdida fi Triq San Pawl u parti minn Triq il-Ġnien, in-Naxxar.

Avviż Nru. 15. Kostruzzjoni ta' Triq in-Nissieġ, in-Naxxar.

Avviż Nru. 16. Kostruzzjoni ta' Triq in-Nafra u parti minn Triq il-Milizzja, in-Naxxar.

Avviż Nru. 17. Asfaltar ta' Triq in-Nassab, Ħal Qormi.

Avviż Nru. 18. Xogħlijiet ta' toroq f'parti minn Triq il-Mensija, San Ġiljan.

THE MALTA TRANSPORT AUTHORITY

The Chairman notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box at the Network Infrastructure Directorate, Triq Sa Maison, Floriana, up to 10.00 a.m. of Friday, 29th July, 2005 for:-

Advt. No. 10. Construction of part of Triq Notabile (Phase D), Birkirkara.

Advt. No. 11. Construction of new street in Triq Dun Karm Frendo, Dingli.

Advt. No. 12. Construction of Triq il-Kavallieri ta' Malta, Marsascala.

Advt. No. 13. Maintenance works at Tal-Qlejgħa, Mtarfa.

Advt. No. 14. Construction of new street in Triq San Pawl and part of Triq il-Ġnien, Naxxar.

Advt. No. 15. Construction of Triq in-Nissieġ, Naxxar.

Advt. No. 16. Construction of Triq in-Nafra and part of Triq il-Milizzja, Naxxar.

Advt. No. 17. Asphalting of Triq in-Nassab, Qormi.

Advt. No. 18. Road works at part of Triq il-Mensija, St. Julians.

Avviż Nru. 19. Kostruzzjoni ta' parti minn Triq Katerina Vitale u Triq il-Fortizza, Santa Luċija.

Avviż Nru. 20. Kostruzzjoni ta' Triq Daniel Cecy, Ħal Tarxien.

Avviż Nru. 21. Kostruzzjoni ta' Triq it-Tamal, Ħal Tarxien.

Avviż Nru. 22. Kostruzzjoni ta' Triq K. Buhagiar, Ħal Tarxien.

Avviż Nru. 23. Xogħlijiet ċivili għall-*Pelican Crossing* fil-Bajja ta' l-Għadira, il-Mellieħa.

Il-formoli ta' l-offerti jistgħu jinkisbu mid-Direttorat tat-Toroq f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar bil-ħlas ta' Lm50.00.

Id-19 ta' Lulju, 2005

Advt. No. 19. Construction of part of Triq Katerina Vitale and Triq il-Fortizza, Santa Luċija.

Advt. No. 20. Construction of Triq Daniel Cecy, Tarxien.

Advt. No. 21. Construction of Triq it-Tamal, Tarxien.

Advt. No. 22. Construction of Triq K. Buhagiar, Tarxien.

Advt. No. 23. Civil works for Pelican Crossing at Għadira Bay, Mellieħa.

Tender forms may be obtained from the Network Infrastructure Directorate on any working day between 8.30 a.m. and noon at a fee of Lm50.00.

19th July, 2005

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Il-Prinċipal fil-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jgħarraf illi:-

Sas-2.00 p.m. ta' nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' Lulju 2005, jilqa' dokumenti ta' l-offerti fil-kaxxa ta' l-offerti apposta, minn persuni interessati għal:-

Avviż. Nru. MCAST T. 14/05. Provvista u konsenja ta' *closed panel van.*

Id-dokument ta' l-offerta jista' jinġabar mid-Dipartiment ta' l-*Accounts* fil-Blokk ta' l-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 08 Tel: 21 801 590/1, *Fax*: 21 801 596 www.mcast.edu.mt mit-8.30 a.m. sa nofsinhar u mis-2.00 p.m. sal-4.00 p.m.

L-offerti kollha jinfetħu fis-2.00 p.m. ta' nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' Lulju, 2005.

Offerti li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

Il-Kulleġġ iżomm id-dritt li jirrifjuta xi offerti jew l-offerti kollha, ukoll dawk l-aktar vantaġġużi.

Id-19 ta' Lulju, 2005

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Principal of the Malta College of Arts, Science and Technology notifies that:-

Tender documents should be deposited in the appropriate tender box up to 2.00 p.m. of Friday, 29th July, 2005, from interested parties for:-

Advt. No. MCAST T. 14/05. Supply and delivery of a closed panel van.

The tender document may be collected from the Accounts Department at the Administration Block, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08 Tel: 21 801 590/1, Fax: 21 801 596 www.mcast.edu.mt from 8.30 a.m. to noon and from 2.00 p.m. to 4.00 p.m.

All tenders will be opened on 2.00 p.m. of Friday, 29th July 2005.

Late offers will not be accepted.

The College reserves the right to refuse any or all offers, even the most advantageous.

19th July, 2005

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Il-Prinċipal fil-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jgħarraf illi:-

Sas-2.00 p.m. ta' nhar it-Tnejn, l-1 ta' Awissu 2005, jilqa' dokumenti ta' l-offerti fil-kaxxa ta' l-offerti apposta, minn persuni interessati għal:-

Avviż Nru. MCAST T. 15/05. Immaniġġjar tal-*MCAST Bookshop and Resource Centre* fil-Main Campus ta' Kordin, Raħal Ġdid.

Avviż Nru. MCAST T. 16/05. Xogħlijiet fuq barra ta' tisqif/iċċangar tat-terrazzin fil-Blokk Amministrattiv tal-MCAST, Kordin - Raħal Ġdid.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull dokument ta' l-offerta li jista' jinġabar mid-Dipartiment ta' l-*Accounts* fl-MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 08 Tel: 21 801 590/1, *Fax*: 21 801 596 www.mcast.edu.mt mit-8.30 a.m. sa nofsinhar u mis-2.00 p.m. sal-4.00 p.m.

L-offerti kollha jinfetħu fis-2.00 p.m. ta' nhar it-Tnejn, l-1 ta' Awissu, 2005.

Offerti li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

Il-Kulleġġ iżomm id-dritt li jirrifjuta xi offerti jew l-offerti kollha, ukoll dawk l-aktar vantaġġużi.

Id-19 ta' Lulju, 2005

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Principal of the Malta College of Arts, Science and Technology notifies that:-

Tender documents should be deposited in the appropriate tender box up to 2.00 p.m. of Monday, 1st August, 2005, from interested parties for:-

Advt. No. MCAST T. 15/05. Management of the MCAST Bookshop and Resource Centre at Corradino Main Campus, Paola.

Advt. No. MCAST T. 16/05. External roofing/tiling works to the terrace of the MCAST Administration Block, Corradino - Paola.

A fee of Lm15 should be paid for each tender document, which may be collected from the Accounts Department at the MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08 Tel: 21 801 590/1, Fax: 21 801 596 www.mcast.edu.mt from 8.30 a.m. to noon and from 2.00 p.m. to 4.00 p.m.

Both tenders will be opened on 2.00 p.m. of Monday, 1st August 2005.

Late offers will not be accepted.

The College reserves the right to refuse any or all offers, even the most advantageous.

19th July, 2005

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Id-Direttur, Proġetti u Żvilupp, fil-Ministeru għal Għawdex, jgħarraf illi:–

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' Lulju, 2005, fil-Ministeru għal Għawdex, Taqsima tat-Teżor, ir-Rabat, Għawdex, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. WB 35/2005. Provvista u konsenja ta' żebgħa għas-sinjali tat-toroq lit-Taqsima tat-Toroq, Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp, Ministeru għal Għawdex.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

L-offerti għandhom isiru fuq il-formoli preskritti li flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi jistgħu jinkisbu mill-Fergħa tax-Xogħlijiet, ir-Rabat, Għawdex f'kull ġurnata tax-xogħol waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Id-19 ta' Lulju, 2005

MINISTRY FOR GOZO

The Director, Projects and Development, Ministry for Gozo, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Ministry for Gozo, Accounts Section, by not later than 10.00 a.m. of Friday, 29th July, 2005, for:-

Advt. No. WB 35/2005. Supply and delivery of road marking paint to the Roads Section, Department of Projects and Development, Ministry for Gozo.

A fee of Lm5 is to be paid for every copy of tender documents.

Tenders should be drawn out on the prescribed forms which, together with the relative conditions, can be obtained from the Works Branch, Victoria, Gozo on any working day during office hours.

19th July, 2005

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Id-Direttur tal-*Customer Services,* fil-Ministeru għal Għawdex, jgħarraf illi:–

Sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' Lulju 2005, fil-Ministeru għal Għawdex, Taqsima tat-Teżor, ir-Rabat, Għawdex jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. D. Cust. S. 12/2005. Xogħol ta' stallazzjoni ta' l-elettriku, dwal u *network* fil-laboratorji tal-kompjuters fl-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni, Sir M.A. Refalo u Skola Primarja Sannat, Għawdex.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5

L-offerti għandhom isiru fuq il-formoli preskritti li flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tat-Teżor, Ministeru għal Għawdex, ir-Rabat, Għawdex f'kull ġurnata tax-xogħol waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Id-19 ta' Lulju, 2005

MINISTRY FOR GOZO

The Director of Customer Services, Ministry for Gozo, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Ministry for Gozo, Treasury Section, Victoria, Gozo by not later than 11.00 a.m. of Friday, 29th July, 2005, for:-

Advt. No. D. Cust. S. 12/2005. Electrical power installation, lighting and network for computer labs at Education Office, Sir M.A. Refalo and Primary School Sannat, Gozo.

A fee of Lm5 is to be paid.

Tenders should be drawn up on the prescribed forms which, together with the relative conditions, can be obtained from the Treasury Section, Ministry for Gozo, Victoria, Gozo on any working day during office hours.

19th July, 2005

FONDAZZJONI GĦALL-ISKEJJEL TA' GĦADA

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, l-1 ta' Awissu, 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FTS-54-05. *Earthworks*/bini ta' ħitan ta' lqugħ fl-Iskola Sekondarja Ogħla Giovanni Curmi, in-Naxxar.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 ma' kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. FTS-55-05. Tindif ta' darba f'diversi skejjel primarji u sekondarji (parti tat-Tramuntana), Malta.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 ma' kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. FTS-56-05. Tindif ta' darba f'diversi skejjel primarji u sekondarji (parti tan-Nofsinhar), Malta.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 ma' kull dokument ta' l-offerta.

Kopji tad-dokumenti relevanti jistgħu jinksibu mill-uffiċċji tal-Fondazzjoni, it-2 Sular, Nru. 53, Mediterranean Buildings, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, (Tel. Nru. 21 340 434, *Fax* Nru. 21 336487) fil-ġranet tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u l-11.00 a.m.

L-offerti għandhom jiġu depożitati fil-kaxxa ta' l-offerti fl-uffiċċji tal-Fondazzjoni f'Ta' Xbiex.

FOUNDATION FOR TOMORROW'S SCHOOLS

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Monday, 1st August, 2005, for:-

Advt. No. FTS-54-05. Earthworks/construction of retaining walls at the Giovanni Curmi Higher Secondary School, Naxxar.

A fee of Lm10 is to be effected on collection of the tender document.

Advt. No. FTS-55-05. One time cleaning of various primary and secondary schools (Northern part), Malta.

A fee of Lm10 is to be effected on collection of the tender document.

Advt. No. FTS-56-05. One time cleaning of various primary and secondary schools (Southern part), Malta.

A fee of Lm10 is to be effected on collection of the tender document.

Copies of the relevant documents may be obtained from the Foundation's offices (2nd Floor, No. 53, Mediterranean Buildings, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, (Tel. No. 21 340 434, Fax No. 21 336487), on working days between 8.30 a.m. and 11.00 a.m.

Tenders must be deposited in the tender box at the Foundation's offices at Ta' Xbiex.

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi l-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar ta' l-offerti fil-ħin u d-dati speċifikati hawn fuq.

Dawk li jagħmlu l-offerta għandhom jaraw illi skond it-termini ta' Parti II u Klawsola 20 tar-Regolamenti ta' l-2003 dwar Kuntratti Pubbliċi, l-għoti ta' l-Offerti Dipartimentali magħmula mill-Fondazzjoni għandhom jiġu ppubblikati fin-*notice-board* (Notifika ta' Intenzjoni ta' Għoti ta' Offerti Dipartimentali) kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis wara nofsinhar.

Kull min jagħmel offerta u jista' jħossu urtat b'rakkomandazzjoni bħal din għandu jissottometti ilment uffiċ jali fi żmien tliet ijiem tax-xogħol (sa nofsinhar), kif jidher fil-klawsola ta' hawn fuq. F'dan ir-rigward dawk kollha li jagħmlu l-offerta għandhom, għalhekk, jiffamiljarizzaw ruħhom ma' dawn id-dispożizzjonijiet ta' din il-parti tar-Regolamenti.

Jinżamm id-dritt li tiġi rifjutata l-aħjar jew l-offerti kollha, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Id-19 ta' Lulju, 2005

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that the general public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

All tenderers should note that as in terms of Part II and Clause 20 of the Public Contracts Regulations 2003, the award of the Departmental Tenders made by the Foundation will be published in the notice-board (Notice of Intent of Award of Departmental Tenders) every Tuesday and Thursday at noon.

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint within three working days (till noon), as per the above mentioned clause, in this regard all tenderers should, therefore, familiarise themselves with the provisions of this part of the Regulations.

The right is reserved to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

19th July, 2005

SERVIZZI FARMAĊEWTIĊI TAL-GVERN

Id-Direttur tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia, jgħarraf illi:-

Sad-9.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, is-26 ta' Lulju, 2005 fil-Kaxxa Ħadra fir-*reception area* tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia, l-Imsida, Malta, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin., għal:-

Kwot. PFI Nru. 2106. *Sterile PVC catheters, size 12.*
Kwot. PFI Nru. 2107. *Campylobacter gas generating packs.*
Kwot. PFI Nru. 2108. *Legionella BCYE growth supplement (without L-Cysteine).*
Kwot. PFI Nru. 2109. *Sterile microtubes with caps.*

Il-*PFI's* imsemmija hawn fuq jistgħu jinkisbu minn fuq:
http://www.health.gov.mt/gps/pfi.htm.

Aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Id-19 ta' Lulju, 2005

GOVERNMENT PHARMACEUTICAL SERVICES

The Director, Government Pharmaceutical Services, Guardamangia, notifies that:

Sealed quotations are to be dropped in the Green Box at the reception area of the Government Pharmaceutical Services, Guardamangia, Msida, Malta, by 9.00 a.m. of Tuesday, 26th July 2005, for:-

Quot. PFI No. 2106. Sterile PVC catheters, size 12.
Quot. PFI No. 2107. Campylobacter gas generating packs.

Quot. PFI No. 2108. Legionella BCYE growth supplement (without L-Cysteine).
Quot. PFI No. 2109. Sterile microtubes with caps.

All the above PFI's can be downloaded from:
http://www.health.gov.mt/gps/pfi.htm.

Further information may by obtained from the Government Pharmaceutical Services on any working day between 8.30 a.m. and noon.

19th July, 2005

TAQSIMA GĦALL-KONSERVAZZJONI U KONTROLL TAS-SAJD

Id-Direttur Ġenerali (Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd) jgħarraf illi:–

FISHERIES CONSERVATION AND CONTROL DIVISION

The Director General (Fisheries Conservation ad Control Division) notifies that:–

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, it-28 ta' Lulju, 2005, fil-Kaxxa ta' l-Offerti fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi tal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq Mikiel Anton Vassalli, Valletta, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. 06/05. Provvista ta' servizz ta' investigazzjoni ġeo-teknika fil-Bajja ta' Marsaxlokk lit-Taqsima Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd.

Il-formoli ta' l-offerta u tagħrif ieħor dwar il-kondizzjonijiet ta' dan il-kuntratt jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-Provvisti, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Id-19 ta' Lulju, 2005

Sealed tenders will be received in the Tender Box at the Department of Corporate Services of the Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, Triq Mikiel Anton Vassalli, Valletta, up to 10.00 a.m. on Thursday, 28th July, 2005, for:–

Advt. No. 06/05. Provision of geo-technical investigation services at Marsaxlokk Bay to the Fisheries Conservation and Control Division.

Forms of tender and other information regarding this tender may be obtained from the Supplies Section, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, during normal office hours.

19th July, 2005

AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA

Iċ-*Chairman* jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, id-9 ta' Awissu, 2005, fil-kaxxa ta' l-offerti mmarkata "A" fl-uffiċċju ta' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, Triq Sa Maison, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 634/RD/05. Manifattura u twaħħil ta' strutturi ta' l-azzar u l-injam bħala kenn mix-xemx għaż-żwiemel fil-Belt Valletta.

Il-formoli tad-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mid-Direttorat tas-Servizzi Korporattivi fl-istess Awtorità f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar għall-ħlas ta' Lm25.00.

Id-19 ta' Lulju, 2005

THE MALTA TRANSPORT AUTHORITY

The Chairman notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box marked "A" at the office of the Malta Transport Authority, Triq Sa Maison, Floriana, up to 10.00 a.m. of Tuesday, 9th August, 2005, for:-

Advt No. 634/RD/05. Manufacture and fixing of steel and wood horse sheltering structures in Valletta.

Forms of tender documents may be obtained from the Corporate Services Directorate of the same Authority on any working day between 8.30 a.m. and noon at a fee of Lm25.00.

19th July, 2005

KUNSILL LOKALI GUDJA

Il-Kunsill Lokali Gudja jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' Lulju, 2005 fl-uffiċċju jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 08/04. Tindif ta' toroq mhux urbani.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull dokument ta' l-offerta.

Il-kuntratt huwa għal sena u jista' jiġġedded kull sena sa massimu ta' tliet snin. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-uffiċċju tal-Kunsill fi 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja bejn id-9.00 a.m. u nofsinhar.

Id-19 ta' Lulju, 2005

GUDJA LOCAL COUNCIL

The Gudja Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received at its office by not later than noon of Friday, 29th July, 2005 for:-

Advt. No. 08/04. Cleaning of non urban roads.

A fee of Lm15 will be charged for each tender document.

The contract is for one year renewable annually up to a maximum period of three years. More information can be obtained from the Council's office at 88, Triq Raymond Caruana, Gudja between 9.00 a.m. and noon.

19th July, 2005

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1470

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Diċembru 2004, fl-atti tar-Rikors Numru 220/04, fl-ismijiet Michelina armla ta' Carmelo Borg, Rose Borg u Joseph Borg vs D.J. Construction Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fis-26 ta' Novembru 2004, fl-ismijiet Michelina armla ta' Carmelo Borg, Rose Borg u Joseph Borg vs D.J.'s Construction Limited, ir-rikorrenti Michelina Borg et, talbet li jkun ammessi għal benefiċċju gratuwitu ħalli jkunu jistgħu jipproċedu kontra s-soċjetà intimata sabiex din tirmedja għad-difetti fil-fond nru. 31, Nazarene Street, Sliema, illi huma akkwistaw mingħand is-soċjetà intimata b'titolu ta' datio in solutum permezz ta' kuntratt tal-11 ta' Marzu 2002, fl-atti tan-Nutar Dottor Isabelle Gonzi (kopja annessa bħala Dok A) u dan kif jirriżulta minn ċertifikat ta' l-Arkitett u Inġinier Ċivili Karl Borg (hawn anness bħala Dok B).

Soċjetà Intimata: Ontario Place, Triq il-Fidloqqom, ir-Rabat, Malta.

Għarraf lil D. J.'s Construction Limited, illi Michelina Borg et ippreżentaw rikors fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex jiġu mogħtija li jmexxu bil-benefiċċju ta' l-Għajnuna Legali u avżahom biex fi żmien erbat ijiem minn mindu jirċievu dan l-att jgħarrfu lil dawn taħt iffirmat għaliex il-pretensjoni miġjuba fir-rikors m'għandhiex tiġi milqugħa, kif jingħad fl-artikolu 911 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Uffiċċju ta' l-Avukat ta' l-Għajnuna Legali.
Il-Qorti, Valletta.

Illum 23 ta' Novembru 2004.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 14 ta' Lulju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 16th December 2004, in the records of the Application Number 220/04, in the names Michelina widow of Carmelo Borg, Rose Borg and Joseph Borg vs D.J. Construction Limited, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent company in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application filed in the First Hall Civil Court, on the 26th November 2004, in the names Michelina widow of Carmelo Borg, Rose Borg and Joseph Borg vs D.J.'s Construction Limited, the applicant Michelina Borg et, requested that she be admitted to the benefit of legal aid so that they may proceed against the respondent company in order to remedy the defects in the premises number 31, Nazarene Street, Sliema, that they acquired from the respondent company by title of datio in solutum by means of a contract of the 11th March 2002, in the records of Notary Dr Isabelle Gonzi, (copy attached marked Doc A) and this as results from a certificate of Architect and Civil Engineer Karl Borg (here attached marked Doc B).

Respondent company: Ontario Place, Fidloqqom Street, Rabat, Malta.

You are to inform D.J.'s Construction Limited, that Michelina Borg et filed an application in the First Hall Civil Court in order to be allowed to proceed with the benefit of Legal Aid and inform them so that within four days from when they receive this act, they inform the undersigned why the claim brought forward in the application, should not be upheld as stated in article 911 of the Code of Organisation and Civil Procedure.

Office of the Advocate for Legal Aid,
The Law Courts, Valletta

Today 23rd November 2004.

Registry of the Superior Courts, today 14th July 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1471

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi fuq rikors ta' Rita Micallef, rikors numru 428/2005, fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħha fl-intier is-SUĊĊESSJONI ta' missierha Emanuel Grima, żewġ Mary neè Micallef, bin il-mejtin Michael Grima u Josephine neè Micallef, imwieled il-Birgu, kien joqgħod il-Fgura fejn miet fl-10 ta' Ġunju, 1973 ta' 57 sena, bla testament, u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex ikun mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b' nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 14 ta' Lulju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that following an application of Rita Micallef, application number 428/2005, wherein she asked that it be declared open in her favour in its entirety the SUCCESSION of her father Emanuel Grima, husband of Mary neè Micallef, son of the late Michael Grima and Josephine neè Micallef, born in Vittoriosa, who resided in Fgura, where he died, intestate, on the 10th June 1973, aged 57, and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whosoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition in terms of Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 14th July 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1472

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' April 2005, fl-atti tat-Talba Numru 52/05, fl-ismijiet Maria mart Joseph Caruana vs Joseph Caruana, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta ' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fit-28 ta' Marzu 2005, fl-ismijiet Maria mart Joseph Caruana vs Joseph Caruana, ir-rikorrenti Maria Caruana talbet:

Li tkun ammessa għall-benefiċċju gratuwitu ħalli tkun tista' tkompli tipproċedi kontra l-intimat għas-separazzjoni personali quddiem il-Qorti kompetenti kif ġiet awtorizzata li tagħmel permezz tad-digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) nru. 233/2005 (Dok. A) u dan minħabba f'inkompatibilità ta' karattru u kif ukoll minħabba f'sevizzji, theddid u inġurji gravi da parti ta' l-intimat; (2) għall-manteniment tagħha; (3) għall-likwidazzjoni, diviżjoni u xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti; u (4) għad-dekadenza ta' l-intimat mill-jeddijiet konjugali kif previst mill-artikoli relevanti tal-Kodiċi Ċivili.

Intimat: 29, St. Peter Street, Żejtun.

Għarraf lil Joseph Caruana illi Maria Caruana ppreżentat rikors fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili biex tiġi mogħtija li tmexxi bil-benefiċċju ta' l-Għajnuna Legali u avżah biex fi żmien erbat ijiem minn mindu jirċievi dan l-att jgħarraf lil dawn taħt iffirmat għaliex il-pretensjoni miġjuba fir-rikors

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 12th April 2005, in the records of the Application Number 52/05, in the names Maria wife of Joseph Caruana vs Joseph Caruana, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application filed in the Civil Court First Hall, on the 28th March 2005, in the names Maria wife Joseph Caruana vs Joseph Caruana, the applicant Maria Caruana prayed:

That she be admitted to the benefit of legal aid so that she may proceed against the respondent for personal separation before the competent Court as she was authorized to do by means of a decree of the Civil Court (Family Section) number 233/2005 (Doc. A) and this due to incompatibility of character as well as excesses, threats and grievous insults on the part of the respondent; (2) for her maintenance; (3) for the liquidation, division and dissolution of the community of acquests; and (4) for the forfeiture by the respondent of the conjugal rights as stipulated by the relevant articles of the Civil Code.

Respondent: 29, St. Peter Street, Żejtun.

You are to inform Joseph Caruana that Maria Caruana filed an application in the First Hall Civil Court in order that she be allowed to proceed with the benefit of Legal Aid and warn him so that within four days from when he receives this act he informs he undersigned why the claim brought forward in

m'għandhiex tiġi milqugħa, kif jingħad fl-artikolu 911 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Uffiċċju ta' l-Avukat ta' l-Għajnuna Legali,
Il-Qorti, Valletta.

Illum 22 ta' Marzu 2005.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 14 ta' Lulju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the application should not be upheld, as stated in article 911 of the Code of Organisation and Civil Procedure.

Office of the Advocate for Legal Aid,
The Law Courts,Valletta.

Today 22nd March 2005.

Registry of the Superior Courts, today 14th July 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1473

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Ottubru 2004, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali, tas-17 ta' Ġunju 2004, fl-ismijiet Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet vs Pilastri Ltd (Contractors) C 8015, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-17 ta' Ġunju 2004, lil Pilastri Ltd (Contractors) – C 8015, 100, 'Vallisneria', Triq il-Wilġa, Ħal Luqa, id-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet ta' 'Project House', il-Furjana, qiegħed għall-fini ta' l-Artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata 'Dok A' u jinterpellak sabiex fi żmien ġimgħa mid-data ta' dina l-ittra inti tħallas is-somma ta' tliet mija u ħamsa u disgħin lira Maltija u għaxar ċenteżmi (Lm395.10), rappreżentanti ammont minnek dovut bħala dritt għad-depożitu ta' radam li inti għamilt matul is-sena 2001 u dan qiegħed jintalab ai termini ta' l-Artikoli 8 u 9 tar-Regolamenti ta' l-1997 dwar Drittijiet għad-depożitu ta' kull Skart u Radam (ta' l-Avviż Legali Numru 128 ta' l-1997).

Fin-nuqqas ta' ħlas jew oppożizzjoni da parti tiegħek skond l-imsemmi Artikolu 466, l-esponent jgħaddi għall-ħruġ ta' mandati eżekuttivi kontra tiegħek skond il-Liġi.

Tant sabiex tagħraf tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż tal-preżenti u bl-imgħax legali sal-jum tal-ħlas effettiv.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 14 ta' Lulju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 11th October 2004, in the records of the judicial letter, of the 17th June 2004, in the names Director General Works vs Pilastri Ltd (Contractors) C 8015, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter, filed, in the Court of Magistrates (Malta) on the 17th June 2004, against Pilastri Ltd (Contractors) – C 8015, 100, 'Vallisneria', Wilġa Street, Luqa, the Director General Works of 'Project House', Floriana, is for the purposes of Article 466 of the Code of Organisation and Civil Procedure notifiying you, with the attached sworn declaration marked 'Doc A' and calls upon you so that within a week from the date of this letter you pay the sum of three hundred and ninety five Maltese liri and ten cents (Lm395.10), representing amount due by you as fee for deposit of rubble that you made during the year 2001 and you are being asked in terms of Article 8 and 9 of the Regulations of 1997 regarding the Fees for deposit of Waste and Rubble (of Legal Notice Number 128 of 1997).

Failing payment or opposition on your part according to the said Article 466 the applicant shall pass to the issue of executive warrants against you according to Law.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

With costs of the present and legal interest till the date of effective payment.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 14th July 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1474

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Marzu 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali tas-27 ta' Settembru 2004, fl-ismijiet Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet vs Angelo Agius, ID 423146M ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-27 ta' Settembru 2004, lil Angelo Agius, ID 423146(M), 52, 'Peromar', Triq Gafà, il-Mosta, id-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet ta' 'Project House', il-Furjana, qiegħed għall-fini ta' l-Artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata 'Dok A' u jinterpellak sabiex fi żmien jumejn thallsu s-somma ta' mija u ħamsin lira Maltija u tnejn u erbgħin ċenteżmu (Lm150.42) dovuta minnek rappreżentanti l-bilanċ mill-kont ta' kontribuzzjoni tat-triq hawn fuq imsemmija.

Fin-nuqqas ta' ħlas jew oppożizzjoni da parti tiegħek skond l-imsemmi Artikolu 466, l-esponent jgħaddi għall-ħruġ ta' mandati eżekuttivi kontra tiegħek skond il-Liġi.

Tant sabiex tagħraf timxi u biex jiġu evitati spejjeż bla bżonn.

Bl-ispejjeż ta' dan l-Att.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 14 ta' Lulju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 4th March 2005, in the records of the judicial letter, of the 27th September 2004, in the names Director General Works vs Angelo Agius, ID 423146(M), ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter, filed, in the Court of Magistrates (Malta) on the 27th September 2004, against Angelo Agius, ID 423146(M), 52, 'Peromar', Gafà Street, Mosta, the Director General Works of 'Project House', Floriana, is for the purposes of Article 466 of the Code of Organisation and Civil Procedure notifiying you, with the attached sworn declaration marked 'Doc A' and calls upon you so that within two days you pay the sum of hundred and fifty Maltese liri and forty two cents (Lm150.42) due by you representing the balance of road contribution above mentioned.

Failing payment or opposition on your part according to the said Article 466 the applicant shall pass to the issue of executive warrants against you according to Law.

So much so that you may know how to regulate yourselves and avoid unnecessary expenses.

With costs of the present act.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 14th July 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1475

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Jannar 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali, tal-21 ta' Ottubru 2004, fl-ismijiet Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet vs Koperattiva Indafa Pubblika, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-21 ta' Ottubru 2004, lil Koperattiva Indafa Pubblika, Schembri Street, Ħamrun HMR 08, id-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet ta' 'Project House', il-Furjana, qiegħed għall-fini ta' l-Artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata 'Dok A' u jinterpellak sabiex fi żmien ġimgħa mid-data ta' dina l-ittra inti thallas is-

